MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 412/2003

**Tudor Press Limited**

**Vs**

**Sahara Studios Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas is-somma ta' Lm1585.78 oltre l-imghax legali mill-24 ta' April, 2003 skond varji invoices minnu mahruga li jikkoncernaw xoghol ta' stampar minnu maghmul, esegwit u konsenjat f'dawn l-ahhar xhur u dan skond statement of account anness mal-avviz u mmarkat dokumenti A sa R.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tad-29 ta' Lulju 2003 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelorju numru 1779/2003 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta li biha ammettiet it-talbiet attrici, liema nota giet presentata u moqrija ‘seduta stante’ illum stess.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm1585.78,0 bl-imghax legali mill-24 ta’ April 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra legali tad-29 ta’ Lulju 2003 u tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru numru 1779/2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------